# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2023**

**Avviż numru: 248/2021 BS**

**Raisa Schembri**

**-vs-**

**Terence Zammit**

**Il-Qorti;**

**Rat l-Avviż** fejn Raisa Schembri talbet lil konvenut Terence Zammit jgħid il-għaliex m'għandux ikun ikkundannat li jħallas is-somma ta' hmistax-il elf Euro (€ 15,000) rapprezentanti hlas ta' depositi fuq konvenju datat 16 ta' Settembru 2019 (Dok A) fuq xiri ta'airspace li kellu jigi zviluppat fi Duplex Apartment git-tielet u r- raba sular fi blokk ta' apartamenti bl-isem Clover, Triq Felicjan Grech, Zabbar, kif ukoll spazju ta' karozza fil-garaxx, liema konvenju skada unikament ghar-ragunijet responsabbli għalihom l-Intimat,

Liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u li inti nqast li thallas minghajr edba raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet għall-hlas.
Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura sal pagament effettiv, minn issa kontra tieghek ngunt in subizzjoni.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta wara il-verbal tal-4 ta' Ottubru, 2021.[1]

**Rat** il-konvenju datat 16 ta' Settembru, 2019.[2]

**Rat** il-kuntratt ta' appalt ta' l-istess jum.[3]

**Rat** li fis-seduta tat-3 ta Ġunju, 2022 l-abbli difensur ta' l-attriċi talab illi ssir notifika permezz tal-proċedura tal-publikazzjoni u affissjoni.[4]

**Rat** li l-publikazzjoni fil-ġurnali lokali saret.[5]

**Rat** li l-affissjoni saret fil-21 ta' Lulju, 2022.[6]

**Rat** in-nota ta' l-attriċi tat-28 ta' Diċembru, 2021 li permezz tagħha iddikjarat li kienet eżawriet il-provi kollha tagħha.[7]

**Rat** li fis-seduta tat-3 ta Marzu, 2023 il-konvenut msejjaħ tlett darbiet ma deherx u l-attriċi rrimettiet ruħha għal provi miġbura kif ukoll talbet li l-kawża titħalla għas-sentenza.

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-lum.

**Ikkunsidrat**

[1] A fol 49 tal-process
[2] A fol 2 sa fol 17 tal-process
[3] A fol 18 sa fol 21 tal-process
[4] A fol 68 tal-process
[5] A fol 111 sa fol 114 tal-process
[6] A fol 110a tal-process
[7] A fol 120 tal-process

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob lill-Qorti biex tikkundanna lill-konvenut iħallas lura € 15,000 imħallsa minnha bħala depożitu fuq konvenju iffirmat bejnha u bejn il-konvenut nhar is-16 ta' Settembru, 2019.

Il-konvenut minkejja li ġie notifikat bir-rikors u dokumenti baqa' ma ppreżenta ebda risposta u għalhekk irrenda ruħu kontumaċi.

**Ikkunsidrat.**

Kif diġa ngħad il-konvenut naqas milli jippreżenta risposta għat-talbiet ta' l-attriċi u għalhekk jirriżulta li huwa kontumaċi.

Madankollu jiġi rrilevat li għalkemm il-konvenut huwa kontumaċi, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. Illi l-istitut tal-kontumaċja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni. Għalkemm konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda. Xorta waħda jinkombi fuq il-ġudikant id-dmir li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut[8]. Ladarba l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, l-attur xorta għandu jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom.[9]

Għalhekk il-Qorti fliet l-affidavits ippreżentati mill-attriċi. Fliet ukoll id-dokumenti minnha ippreżentati.

Mill-provi kollha akwiżiti jirriżulta li t-talba attriċi hija ġustifikata u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex takkordaha.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna

[8] Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro, 24/11/1934, Kollez. Vol. XXIX, P III, pg 35.
[9] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, deciza fis- 27 ta Marzu, 1996

lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' ħmistax il-elf ewro (€ 15,000) bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur